

Brussell, 10 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15630/17

WTO 312

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	L-ewwel konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ħdax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness l-ewwel konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ħdax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ kif adottati mill-Kunsill fil-10 ta' Diċembru 2017.

L-ewwel konklużjonijiet tal-Kunsill**dwar il-Ħdax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**

1. Bil-konvinzjoni li l-kummerċ jikkontribwixxi għall-ħolqien tal-ġid u l-impjiegi, l-Unjoni Ewropea hija impenjata lejn sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, bi rwol ċentrali għad-WTO. L-UE tappoġġa pakkett ambizzjuż iżda realistiku u bbilanċjat għall-Ħdax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (MC11) fi Buenos Aires, u tistenna li l-membri kollha tad-WTO jikkontribwixxu b'mod kostruttiv u adegwat, li jirrifletti b'mod sħiħ il-kapaċitajiet tagħhom. L-UE ser tirreżisti kwalunkwe tentattiv li jimmina jew idgħajjef is-sistema multilaterali, inkluż ir-riżoluzzjoni tat-tilwim bħala wieħed mill-pilastri ċentrali tagħha. L-UE hija lesta li tesplora modi biex issaħħaħ id-WTO, inkluż negozjar, il-monitoraġġ u l-funzjonijiet ta' soluzzjoni tat-tilwim.
2. Il-Kunsill jappoġġa l-eżitu sostantiv tajjeb dwar is-sussidji fil-qasam tas-sajd, li jmorru lil hinn minn sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u li jinkludi dixxiplini ċari.
3. Il-Kunsill ifakkar li l-proposta konġunta tal-UE u l-Brażil dwar l-appoġġ domestiku fl-agrikoltura, tirrappreżenta approċċ raġonevoli u bbilanċjat biex b'mod komprensiv jiġi indirizzat l-appoġġ domestiku u ż-żamma ta' stokkijiet pubbliċi għal skopijiet ta' sigurtà alimentari. Għall-UE, l-appoġġ domestiku għall-agrikoltura huwa strettament marbut mal-kwistjoni taż-żamma ta' stokkijiet pubbliċi għal skopijiet ta' sigurtà alimentari. Il-Kunsill lest jappoġġa eżiti raġonevoli u bbilanċjati f'dawn l-oqsma, u li jqis talbiet minn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u, b'mod partikolari, pajjiżi l-anqas żviluppati, mingħajr preġudizzju għad-diskussjonijiet attwali u futuri dwar il-politika agrikola tal-UE.

4. Il-Kunsill huwa impenjat ukoll li jirnexxielu jagħmel progress fil-MC11 dwar il-kummerċ-e, ir-regolament domestiku fis-servizzi, it-trasparenza u l-prattiċi regolatorji tajba fir-rigward ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-faċilitazzjoni tal-investment kif ukoll l-MSMEs (intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju) u r-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni fl-agrikoltura. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li huwa ta' importanza partikolari li d-diskussjoni fid-WTO dwar is-sussidji orizzontali timxi 'l quddiem. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jissottolinja l-bżonn li jesplora modi possibbli biex imexxi 'l quddiem dawn il-kwistjonijiet individwali. Għalhekk, il-Kunsill jilqa' d-dikjarazzjonijiet konġunti minn Membri interessati f'dawn il-kwistjonijiet li jiftħu t-triq li twassal għall-approfondiment tad-diskussjonijiet multilaterali.
5. Il-Kunsill jappoġġa lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex il-Konferenza tkun suċċess u jistenna b'interess li jkun hemm koordinazzjoni tajba bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-MC11. Il-Kunsill ser jivvaluta l-progress magħmul bil-ħsieb li jintlaħaq riżultat bilanċjat konformi mal-kondizzjonijiet imniżżla hawn fuq. Għal dan l-għan, il-Kunsill jistenna b'interess il-proposti tal-Kummissjoni għal abbozz ta' pożizzjonijiet ta' negozjar tal-UE dwar l-abbozzi ta' testi diskussi fi ħdan id-WTO. Il-Kunsill jistenna b'interess ukoll il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tat-testi tad-WTO nnegozjati għall-approvazzjoni tal-Kunsill fisem l-UE qabel l-adozzjoni finali tagħhom mill-korpi tad-WTO.
6. Il-Kunsill jilqa' u japprova d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kummerċ u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa li ser issir fl-okkażjoni tal-Ħdax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.
